# 90 Sena mill-Mewt ta'
# Dun Xand Cortis D.D.
## Fundatur tal-Parroċċa ta' Santa Venera

**Joseph Giorgio**



Fis-17 ta' Frar 2006, ħabat l-għeluq id-90 sena mill-mewt ta' Dun Xand Cortis (1856-1916). Kien qassis bieżel, predikatur tajjeb u mfittex, u missjunarju. Kien ukoll kittieb tajjeb. Uża l-kitba tiegħu biex jikkomunika man-nies ta' żmienu, meta għad ma kienx hemm ir-radju u televiżjoni.

Dun Xand twieled Ħad-Dingli fl-1856 minn familja ta' bdiewa. Kien imidd idu fix-xogħol tar-raba', iżda ġietu l-vokazzjoni u sar saċerdot. Ħa d-djakonat fit-18 ta' Diċembru 1880, f'San Ġwann il-Belt. Ħa dottorat fid-Divinità fil-21 ta' Settembru 1881, u sar saċerdot fis-17 ta' Diċembru 1881. Ta għall-ħidma pastorali, l-ewwel fil-parroċċa ta' Ħal Balzan, kappillan tas-Sorijiet tal-Konservatorju Vinzenzo Bugeja f'Santa Venera, u ħadem ma' ħuh Dun Mattew Cortis, li kien kappillan Ħal Lija. Siefer barra minn Malta, u mar jagħmel ħidma missjunarja fit-Tuneżija, l-Alġerija u Korfu fil-Greċja.

Fl-1901, Mons. Pietru Pace, l-Isqof ta' Malta (1889-1914) innomina lil Dun Xand Cortis bħala rettur tal-knisja ta' Santa Venera. Hawnhekk, Dun Xand rabat ismu ma' l-istorja ta' Santa Venera, fejn maż-żmien, kien bena d-dar tiegħu, u baqa' joqgħod hawnhekk sa ma miet ħesrem, fl-età ta' 60 sena. Fost il-ħafna kitbiet tiegħu, fl-1906 (mitt sena ilu) kien kiteb il-ħajja ta' Santa Venera. Dun Xand kien iħobb jiġbor minn fomm il-poplu stess, ħrejjef, praspar, u ġrajjiet ta' żmienu. Bosta mill-ħrejjef tiegħu kienu jsemmu xi storja li tkun ġrat fl-erba' rħula li fihom għex, jiġifieri Ħad-Dingli, Ħal Lija, Ħal Balzan, u Santa Venera. Is-Sur Ġużè Cassar Pullicino, il-magħruf kittieb



tal-Folklor Malti, jinkludieh fost il-bennejja tal-Folklor Malti. Meta l-Malti (ilsienna) ma kienx għadu stabbilit, almenu, Dun Xand ta s-sehem tiegħu fil-qasam letterarju Malti.

Peress li Dun Xand, kien marad, u beda jara li x-xogħol pastorali f'Santa Venera kien kiber, beda jaħseb biex xi ħadd jeħodlu postu. Beda jħajjar lill-Patri Spiridjun Vassallo, li kien provinċjal tal-Karmelitani, biex iġib xi patrijiet biex jgħinuh fix-xogħol. Patri Spiridjun beda jieħu interess hu wkoll fil-biċċa u beda jara pospetti tajbin, biex iġib patrijiet f'Santa Venera, biex jibdew iwettqu ħidma pastorali fost in-nies tal-lokal. Dawn kienu ilhom jilmentaw li kienu jixtiequ li jkollhom kura spiritwali aħjar. Patri Spiridjun xtaq kieku jieħu l-knisja ta' Santa Venera, tal-kunvent magħha b'ċerti kundizzjonijiet, fosthom li l-knisja ssir parroċċa. Din kienet ukoll ix-xewqa ta' Dun Xand Cortis. L-Isqof Pietru Pace wiegħed lill-provinċjal u lil Dun Xand Cortis li jagħmilha parroċċa.

Il-Patrijiet Karmelitani ġew f'Santa Venera fit-8 ta' Novembru 1912. B'digriet, huma ngħataw il-knisja u l-kunvent li hemm magħha. Il-knisja nbniet fis-seklu sbatax. Dan ġara bil-kunsens tal-prepostu ta' Birkirkara u l-kappillan ta' Ħal Qormi, l-Imsida, u l-Ħamrun, kif ukoll għax-xewqa li kellun Dun Xand Cortis. Fil-11 ta' Marzu 1913, b'digriet ieħor il-knisja ta' Santa Venera twaqqfet bħala viċi-parroċċa, taħt it-tmexxija ta' Patri Ġwann Azzopardi O. Carm., bħala l-ewwel viċi-kappillan, bid-drittijiet u l-obbligi tas-soltu. Dun Xand Cortis ra lil Santa Venera ssir parroċċa, iżda ma kellux ix-xorti jaraha parroċċa. (Santa Venera saret parroċċa ftit tas-snin wara fl-4 ta' Settembru 1918, minn Mons. Arċisqof Dun Mauro Caruana.)

Dun Xand Cortis miet fis-7 ta' Frar 1916, għal għarrieda, waqt passiġġata flimkien mal-ħabib tiegħu Patri Spiridjun Vassallo O. Carm. fis-5.45pm, meta għaddew minn taħt l-arkata l-baxxa ta' Fleur-de-Lys, li tinsab quddiem il-Birrerija ta' Farsons l-Imrieħel. Din l-arkata l-baxxa ta' Fleur-de-Lys, tifforma parti mill-arkati ta' l-akkwadott ta' Wignacourt, li dak iż-żmien kienet tikkumplimenta sqaq twil, jagħti lejn Birkirkar, u mibni fuq iż-żewġ naħiet tiegħu b'ħitan kemmxejn għoljin bil-ġebel tas-sejjiegħ, dak iż-żmien magħruf bħala Sqaq tal-Ħallelin, limiti ta' Birkirkara, lil Dun Xant tah ħass ħażin ikrah, u ħalla din id-dinja. Patri Spiridjun tah l-aħħar assoluzzjoni, u dawn iż-żewġt iħbieb infirdu darba għal dejjem.

Dun Xand Cortis, kien miktub fis-Sodalità tal-Qassisin. Għalhekk huwa ġie espost fil-knisja ta' Santu Rokku tal-Belt, imbagħad il-funeral sarlu nhar is-Sibt 19 ta' Frar 1916, fil-knisja ta' San Pawl nawfragu l-Belt. Id-

difna saret fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, fil-qabar tas-Sodalità. Jalla dan il-bniedem isib l-għożża li tixraqlu, mill-poplu, li ħadem u tant stinka għalih.

It-telfa ta' Dun Xand Cortis kienet telfa mhux biss għal Santa Venera, iżda għal Malta kollha. Il-gazzetta *Il-Malta Tagħna* tas-26 ta' Frar 1916, stqarret li Dun Xand Cortis kien raġel umli u ta' qalb kbira, li jaqbeż għal għajru aktar milli jaqbeż ghalih innifsu. Fuq il-post fejn miet Dun Xand cortis, kienet twaħħlet lapida biex tfakkar din il-ġrajja bi kliem miktub bil-Latin. Kienet ilha wieqfa hemm, għal bosta snin, imwaħħla mal-ħajt tas-sejjiegħ, iżda fil-bidu tas-snin sebgħin kienet tkissret, jew kissruha.


**All Needs Boutique**

13, Misraħ il-Kebbies, St. Venera

***Issib bżonnijiet għall-familja kollha bħal ħwejjeġ, żraben, handbags, underwear u malji u costume jewellery.***

*Issib ukoll Plus Sizes. Stock jinbidel kull ġimgħa bi prezzijiet tajba ħafna.*

**BORVIN Ltd.**

*(Prop. A.C. Borg)*

Plot 141/142, Industrial Estate, Luqa • Quarries Square, St Venera
Tel: 2124 4518 Mob: 9942 6514

**Importers & Distributors of Aluminium Profiles, Doors, Windows, Mosquito Nets, Maltese Balcony, Steps Railing.**

